# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 19 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 107/20TA**

**Daniel Staffan Patrik Tingström (detentur tal-Passaport Svediz numru 90751591) u**

**Billion Holdings Limited (C-84547)**

**vs**

**Dan Peter Ögren (detentur tal-Passaport Svediz numru 92034923)**

**Jan Mikael Ögren (detentur tal-Passaport Svediz numru 95399671)**

**Philip Wilhelm Lilliehöök (detentur tal-Passaport Svediz numru 94728284)**

**Johan Fredrik Stille (detentur tal-Passaport Svediz numru 92325402)**

**Marcus Wilhelm Lilliehöök (detentur tal-Passaport Svediz numru 94818659)**

**Islandbranch Holdings Limited (C-85059)**

**Cloudberry Invest Limited (C-83504)**

**Bad Steam Invest Limited (C-83456)**

**Fire Dragon Invest Limited (C-77429)**

**Mandalorian Holdings Limited (C-84863)**

**Mandalorian Technologies Limited (C-75805)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Daniel Staffan Patrik Tingström u Billion Holdings Limited tat-22 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta ta' Jan Mikael Ögren u oħrajn tat-3 ta' Frar 2020;

Rat ir-risposta ta' Dan Peter Ögren tat-3 ta' Frar 2020;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2020 fejn dak in-nhar tħalla għal digriet *in camera*;

Rat li meta r-rikors kien tħalla għal digriet *in camera* Jan Mikael Ögren u oħrajn presentaw rikors ieħor fis-6 ta' Frar 2020, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti tippermettilhom jittrattaw il-punt legali sollevat f'dak ir-rikors;

Rat li minkejja ż-żmien perentorju li għandha din il-Qorti fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 875(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, xorta laqgħet it-talba f'dak ir-rikors b'digriet tal-14 ta' Frar 2020 u dan wara li rat ir-risposti għal dan

ir-rikors, ta' Daniel Staffan Patrik Tingström u Billion Holdings Limited presentata u kif ukoll ta’ Dan Peter Ögren.

**Ikkunsidrat**

*Applikazzjoni o' meno tal-artiklu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

Fid-dawl tal-punt legali ssollevat minn Jan Mikael Ögren u oħrajn fir-rikors tagħhom tas-6 ta' Frar 2020, ikun utli li jiġi kkunsidrat dan il-punt legali.

Il-Qorti tibda biex tistqarr, li sa fejn jirrigwarda l-materja trattata f'dak ir-rikors, hija sfortuna proċedurali, li l-applikazzjoni tal-artikoli 873 u 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ma hiex daqshekk feliċi in kwantu jirrigwarda ordnijiet taħt dawn l-artikoli.  Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tad-diversi Sentenzi dwar ir-rekwiżiti rikjesti taħt wieħed u l-ieħor, b'mod partikulari fejn si tratta l-element tal-irrimedjabbilita' tad-danni.

Jidher li fost l-ewwel żewġ digrieti li bdew jagħmlu din id-distinzjoni bejn mandat jew ieħor kienu dak tal-**4 ta' Novembru, 2013 fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace et, PA per Imħallef Joe Zammit Mckeon** u bl-aktar wieħed ċitat dak **fl-ismijiet ta' Kleavan Maniscalco -vs- A.X.T Properties Ltd tal-4 ta' Awwissu, 2015, PA per Imħallef Joseph R. Micallef**.  Pero` il-*vexata queastio* tal-aspett legali li għandha quddiemha din il-Qorti tirrigwarda l-artikolu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, u ċioe’ jistax dan jiġi applikat fir-rigward ta' kull ordni, anke dik provviżorja, fil-każ ta’ proċeduri li jsiru bis-saħħa ta' artikolu 873 tal-istess kap ta' liġijiet jew jekk dan

hux limitat għal mandat fi proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 874(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti eżaminat kull wieħed mid-digrieti li saret referenza għalihom mill-intimati in sostenn ta' din il-kwistjoni legali partikolari. Għalkemm huwa minnu li dawn id-digrieti jagħmlu xi distinzjonijiet bejn l-effetti ta' artikolu 873 u 874 partikolarment għal element ta' irrimedjabbilta' tad-danni, jibqa' l-fatt, li l-punt in dibattitu f'dawn il-proċeduri b'ebda mod ma ġie trattat. F'dawk id-digrieti fl-ebda ħin ma ġie deċiż il-punt li għandha quddiemha din il-Qorti.

L-argument prinċipali tal-intimati huwa wieħed ċar. Ġaladarba ntużat il-formula 21 ifisser, it-talba għall-ħruġ tal-mandat qed issir abbażi tal-artiklu 873. Il-Qorti fehmet li jekk il-mandat mhux qiegħed jintalab fuq il-formula 25 allura żgur ma kienx qiegħed isir abbazi tal-artiklu 874 u ergo, l-artikolu 874(6) tal-Kap12 tal-liġijiet ta' Malta mhux applikabbli għal min jagħmel talba għall-otteniment ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt artikolu 873. Dan ifisser ukoll, li l-ordni provviżorja mogħtija minn din il-Qorti fid-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2020 u kif notifikata lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet ma għandu jkollha ebda effett fit-termini ta' dak li jipprovdi artiklu 874(6).

Jidher li l-intimati qegħdin iserrħu l-argument prinċipali fuq ix-xorta ta' formula li kellha tintuża, jekk hux dik 21 jew 25. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza Munqar Limited -vs- Annetto Farrugia et tat-22 ta' Frar 2015** li daħlet f'dan l-aspett. It-tagħlim f'din is-Sentenza ġie segwit minn insenjamenti ġurisprudenzjali anke riċenti. Permezz tad-digriet fl-atti tar-

**rikors numru 1703/2018/1 LSO fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1703/2018/LSO fl-ismijiet Alfred Anton Zarifa pro et -vs- Alexander Mangion pro et tal-21 ta' Novembru 2018** intqal hekk:

*"F'dan il-kuntest, ta' min igħid, li l-artikolu 874(1) m'għandux jinqara bħallikieku jikkonfliġġi mal-artikolu 873 tal-Kap 12, għaliex m'hemm l-ebda konflitt bejn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-Liġi. Difatti, t-talba għal ħruġ ta' Mandat skont l-artikolu 874 hija għodda oħra li għandu mhux kull min jallega li għandu jedd "prima facie" li se jkun preġudikat b'mod irrimedjabbli iżda li għandu kreditur b'debitu favur tiegħu li jaqbeż l-€11,646.86. Għalhekk, il-punto d'incontro bejn iż-żewġ disposizzjonijiet, ai fini tal-artikolu 874(1), li l-kreditu jrid jirriżulta minn dritt "prima facie". (**Ara Saviour Vella et vs Dominic Farrugia et Rik għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru.794/2015 - 4 ta' Ġunju 2015**)."*

Din il-posizzjoni ġiet ritenuta minn dawn il-Qrati f'digrieti aktar riċenti fost dawn dak fl-atti tar-**rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 397/2019 JZM fl-ismijiet Perit Arkitett Ian Zammit -vs- Ullrich Kurt Salomo tat-23 ta' April 2019** fejn jiġi insenjat hekk:

*"Biex joħroġ Mandat ta` din ix-xorta, għandhom jiġu sodisfatti dawn ir-rekwiżiti:- a) illi t-talba trid issir minn kreditur; u b) illi l-kreditu ma jridx ikun ta` inqas minn €11,646.86. Tajjeb jingħad illi l-Art 874(1) m`għandux jinqara bħallikieku jikkonfliġġi mal-Art 873 tal-Kap 12 għaliex fir-realta` ma hemm l-ebda konflitt bejn iż-żewġ disposizzjonijiet. L-Art 873 huwa aktar ġeneriku mill-Art 874. Għax hu maħsub biex ikun hekk, jimponi rekwiżiti ad hoc, bħal*

*dak tal-"preġudizzju rrimedjabbli" li kien koltivat u żviluppat mill-ġurisprudenza, aktar milli mit-test strett tal-liġi, rekwiżit dan illi mhuwiex inkluż fl-Art 874. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat skont l-Art 874 hija għodda oħra (innota l-frażi "ukoll") li għandu mhux kull min jallega li għandu jedd "prima facie" li se jkun preġudikat b`mod irrimedjabbli, iżda li għandu kreditur b`debitu favur tiegħu li jaqbeż l-€11,646.86.*

*Kif taraha din il-Qorti, il-punto d`incontro bejn iż-żewġ disposizzjonijiet huwa, anke ai għall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirriżulta minn dritt "prima facie"."*

B'referenza għal dan il-punt issir referenza għal dak li qalet il-Qorti fir-rigward tal-frazi "kwalunkwe ħaġa" bħala parti mid-diċitura tal-artikolu 873(1):

*"L-użu tal-kliem 'kwalunkwe ħaġa', fil-fehma tal-Qorti, juri biċ-ċar illi l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet illi jagħti lil dawk il-persuni li għandhom jedd prima facie u li jistgħu jsofru preġudizzju irrimedjabbli rimedju mill-aktar wiesgħa sabiex jipproteġu d-dritt prima facie tagħhom. Il-Qorti tqis illi tkun qed tmur kontra l-intenzjoni tal-Leġislatur li kieku kellha tiddeċiedi illi persuna tista' tiġi inibita milli tittrasferixxi proprjeta immobbli biss a tenur tal-Artikolu 874, meta l-Artikolu 873 (1) ma jindika l-ebda restrizzjoni ta' din ix-xorta fid-diċitura tiegħu. Għalhekk din l-ewwel parti tal-eċċezzjoni ta' nullita tal-intimat qed tiġi miċħuda." (Ara digriet tas-***7 ta' Diċembru, 2017 fl-atti tal-Mandat Numru: 1387/2017/1 JPG, fl-ismijiet Luciano Grima (K.I. 205072M) -VS- Nicholas Calleja**).

F'din il-kawża l-argumenti ssollevati mill-intimati kienu simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, bid-differenza li kien qed jintalab l-inibizzjoni ta' bejgħ ta' immobbli flok ta' ishma. Dan intqal anke b'referenza għall-formula użata, li kienet dik tal-mandat ta' inibizzjoni taħt artikolu 873. B'dana kollu l-Qorti ma sabitx li l-ilmenti kienu legalment sostenibbli għar-raġunijiet fuq spjegati fost oħrajn. Għalhekk saħansitra għaddiet biex tinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet finali tagħha tal-akkoljiment kif kif jitlob l-artiklu 874, minkejja li l-proċeduri saru fuq il-formula tal-mandat ta' inibizzjoni taħt artiklu 873.

Fi ftit kliem, għalkemm dawn iż-żewġ artikli ma jirrikjedux preċiżament l-istess elementi ġuridiċi, l-artiklu 874 jikkumplimenta lill-artiklu 873. Sa fejn dan l-artiklu ma hemm xejn inkompatibbli fih mal-artikolu 873, ir-rimedji taħt artikolu 874 huma disponibbli għal kull min jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt artiklu 873.

Kif spjegat il-Qorti, l-artiklu 873 huwa li jnissel l-għodda proċedurali prinċipali tal-mandat ta' inibizzjoni, sabiex tiġi inibita azzjoni li ser tikkawża preġudizzju lil persuna. Ix-xorta ta' rimedji li jingħataw għal dan l-iskop, fosthom dak tal-artikolu 874, ma humiex in kolliżjoni mal-prinċipju ġenerali stabbilit f'artiklu 873, iżda pjuttost jikkumplimenta lil dak l-artiklu. Li qed jgħid dan l-artiklu hu, li ma tistax titlob l-inibizzjoni ta' trasferiment ta' immobbli jew propjeta' oħra, jekk il-kreditu ma jkunx jeċċedi il-ħdax-il elf sitt mija sitta u erbgħin punt sitta u tmenin tal-ewro (€11,646.86). Anzi, storikament dan il-mandat kien maħsub li

jkun ġeneriku għall-aħħar.  Dan tant kien minnu, li fil-kawża fl-ismijet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-5 ta' Awissu 1954** intqal:

"*Illi, fil-kliem tal-liġi, "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xogħol ieħor, inkella milli tħott jew tagħmel tibdil f' bini jew f' xogħol ieħor, jew li jżomm persuna milli tidħol f' fond jew lok, jew li tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat"; u "l-Qorti ma għandhiex toħroġ dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat hu meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan irrikorrent "prima facie" jidher li għandu dan id-dritt" (art. 876 Kod. Proċ. Ċiv.)*"

Ovvjament, bl-introduzzjoni ta' negozji ġuridiċi ġodda, fosthom il-ħolqien ta' Soċjetajiet kummerċjali b'responsabbilita' limitata u relazzjonijiet aktar kumplessi u sofistikati, li ġabu magħhom iż-żminijiet, bħal dawk tas-servizzi finanzjarji, kien meħtieġ tibdil fil-liġi biex jiġi rifless dan it-tibdil.  Għalhekk l-introduzzjoni tal-artikolu 874 fl-2006, iżda mhux bl-esklużjoni tal-prinċipju ġenerali taħt artikolu 873.

B'dana kollu ma jfissirx li illum taħt l-artiklu 873 ma tistax tintalab l-inibizzjoni ta' atti bħal ma huma xogħolijiet ta' kostruzzjoni u għemil ieħor li jirrikjedi l-intervent preventiv tal-Qorti, indipendement mill-valur u dan sakemm jesisti *prima facie* dritt li jistħoqqlu jkun ittitulat u mħares u li l-preġudizzju jkun wieħed li ma jistax jiġi rimedjat jekk dak l-għemil jilħaq isir.  Għalhekk il-Qorti tifhem li ma hemm xejn xi jżomm l-applikabbilta' tal-artiklu 874(6) tal-Kap 12

tal-liġijiet ta' Malta fil-każ li talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tintalab taħt artiklu 873 għaż-żamma ta' trasferiment ta' ishma f'kumpanija b'responsabilita' limitata.

Dato ma non concesso li dak li jkun kellu jargumenta mod ieħor, xorta jista' jingħad li l-artiklu 875(3) jagħti l-poter lill-Qorti, li meta tilqa' provvisorjament it-talbiet, tista' tagħmel hekk *taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa li jkun meħtieġ skont il-każ.* Iġifieri ma hemm xejn li jżomm il-Qorti li xorta tagħti ordni u direttiva fis-sens ta' kif irid l-artiklu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dan il-mandat ġie introdott bl-Att VI tal-2006. Id-disposizzjoni transitorja ta' dan Att tipprovdi hekk:

*"Iżda kull mandat kawtelatorju li jkun għadu pendenti meta jidħol fis-seħħ dan l-Att għandu, mid-data ta' dak il-bidu fis-seħħ, jiġi regolat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."*

Din il-Qorti tifhem għalhekk, li li kieku dan l-artiklu ma kienx jikkumplimenta l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni ġenerali, allura bid-dħul ta' dawn l-emendi, kull proċedura li kienet għadha pendenti taħt ir-reġim antik tal-liġijiet, setgħet faċilment tiltaqa' ma' ostakoli ta' natura proċedurali jekk ma kienitx konformi mal-provvedimenti ġodda. Din żgur ma kienitx l-intenzjoni tal-leġislatur.

Għalhekk, f'dan ir-rigward, din il-Qorti tifhem għalfejn f'sensila twila ta' digrieti b'konsegwenza ta' talbiet li saru in virtu` tal-artiklu 873, f'każ ta' ishma

f'Soċjetajiet Kummerċjali, kemm f'digrieti provisorji u anke dawk definittivi, dejjem applikaw l-effetti tal-artiklu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għalhekk din il-Qorti ma tħossx li din is-sottomissjoni tal-intimati hija fondata fil-liġi.

*It-trasferiment tal-ishma li sar fit-22 ta' Jannar 2020 fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

Stabbilit għalhekk, li l-artiklu 874(6) japplika għall-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti, issa jmiss li jkun meqjus jekk fid-dawl tat-trasferiment li sar fit-22 ta' Jannar 2020 tal-ishma li Mandalorian Limited kellha fi ħdan Mandalorian Technologies Limited, huwiex null jew le.

Ir-rikorrenti esibew avviż tar-Reġistru tal-Kumpaniji li jindika li din l-ordni ġiet notifikata lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ai termini tal-artiklu 874(6) (ara dok HB1). Il-kwistjoni legali li għandha quddiemha din il-Qorti hija din: jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-trasferiment mertu ta' dawn il-proċeduri ma huwiex null ai termini tal-artiklu 874(6).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar l-aspett ta' din il-vertenza u dan għaliex il-konsegwenzi huma dawk li huma. L-intimati jsostnu, li fattwalment l-intimati ġew notifikati bl-atti ta' dawn il-proċeduri, inkluż l-ordni provvisorja tat-22 ta' Jannar 2020, ċirka 25 minuta wara li sar it-trasferiment tal-ishma fuq imsemmija. Imma l-kwistjoni kollha li titqanqal, mhux meta ġew notifikati l-intimati, semmai din għandha biss valur biex jiġi stabbilit jekk l-intimati kisrux l-

ordni tal-Qorti jew le minn naħa tagħhom. Li jrid jiġi stabbilit hu, jekk għandhomx jiġu fis-seħħ l-effetti tal-artikolu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza li dak it-trasferiment jiġi kkunsidrat bħala null u qiesu qatt ma sar.

Fir-risposta oriġinali tagħhom, l-intimati ma jagħmlu ebda referenza għal dan l-aspett. Sa fejn jirrigwarda l-aspett kronoloġiku fil-ħin ta' kif seħħew l-avvenimenti, apparti sottomissjonijiet oħra dwar l-elementi meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, huma prinċipalment jinsistu fuq il-fatt *"li l-azzjonijiet li qed jintalbu li jiġu inibiti jew jinżammu milli jseħħu fil-fatt* ***<u>ġja seħħew</u>****... "*. Di fatti jittrattaw dan il-punt minn a' fol 243 sa 248. Kien biss bir-rikors li ġie presentat fis-6 ta' Frar 2020, li tqanqal speċifikament il-punt dwar l-artiklu 874(6). Din il-Qorti diġa' ipprovdiet dwar jekk hux disponibbli dan l-artiklu fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ. Issa jmiss li jiġi determinat jekk fid-dawl tal-istess ċirkostanzi għandhomx japplikaw l-effetti ta' dan l-artiklu.

Ma hemm ebda dubbju li fit-termini ta’ dak li jipprovdi l-artiklu 875(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta il-Qorti tista’ toħrog provvisorjament mandat qabel ma tipprovdi definittivament dwar l-istess. L-anqas ma għandu jkun hemm dubbju li ordni bħal dik jekk tinkiser iġġib magħha il-konsegwenzi bħal dawk meta tinkiser ordni definittiva. Ma dan isegwi, li ksur ta’ ordni provvisorja iġġib fost oħrajn, l-effetti kontemplati fis-subartiklu 874(6). Dan tant huwa minnu, li l-intimati sabiex jilqgħu għal dan, ħassew li kellhom permezz tar-rikors tas-6 ta’ Frar 2020 jippuntwalizzaw dan il-punt fi stadju meta kienet għadha biss

ingħatat ordni provvisorja bis-saħħa tad-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Jannar 2020.

Il-Qorti temmen li ġaladarba r-Reġistratur tal-Kumpaniji ġie notifikat bl-ordni tal-Qorti **fl-istess ġurnata** li seħħew it-trasferimenti tal-ishma inkwistjoni, indipendentement mill-ħin tal-ġurnata meta ġew notifikati bl-ordni tal-Qorti ir-rikorrenti, l-effetti li jrid l-artikolu 874(6) għandhom jiġu fis-seħħ. Di fatti artikolu 874(6) jagħmilha ċara li meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ jew trasferiment ta' ishma f'Soċjeta' Kummerċjali għandu jiġi notifikat ir-Reġistratur tal-Kumpaniji u **mid-data tal-imsemmija notifika** kull trasferiment ta' ishma jkun null. It-test ingliż tal-liġi jipprovdi "from the date of service". Huwa valevoli li ssir referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Spiteri vs Azzopardi [Kollez XVIII.i.18],** "…trattandosi di leggi di procedura che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ragionevolmente ammettere altra interpretazione che la letterale, nel senso che ove la legge perprodurre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non 'per equipollens'".

Li kieku dan l-artikolu kellu jiġi interpretat mod ieħor, il-Qorti tkun qed tiftaħ bieb għal maniġġi u manuvri li jistgħu ikunu ta' preġudizzju għall-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Fil-każ inkwistjoni qed nitkellmu dwar l-effett ta' ordni lit-terz, f'dan il-każ ir-Reġistratur tal-Kumpaniji li tiġi lilu notifikata l-ordni **fl-istess ġurnata** li l-intimati ikunu wettqu it-trasferiment tal-ishma u dan

indipendentement mill-konsapevolezza o meno tagħhom tal-imsemmija notifika.

Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-intimati, fis-sens li dak li jgħodd huwa kif seħħew l-avvenimenti fil-kronoloġija tal-ħin, minuta b'minuta n-notifiki, fiċ-ċirkostanzi, l-aħjar prova kellha tkun il-produzzjoni tal-uffiċjal li ħareġ bin-notifiki tal-atti ai fini tal-artiklu 874(6) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Li huwa essenzjali, mhux il-ħin eżatt ta' meta ġew notifikati l-intimati bl-ordni, iżda il-ħin li ġie notifikat b'dik l-ordni , ir-Reġistratur tal-Kumpaniji. Din il-prova kellha semmai ssir mill-intimati , li kif qed ingħad, anke jekk mhux strettament fuq dan il-punt speċifikament, kienu huma li ressqu d-difiża tal-kronoloġija tal-ħin tan-notifiki. Din il-prova kienet tispetta lilhom li jagħmluha fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dawn il-Qrati dejjem għallmu li *" … ... hu minnu illi tibqa' esiġenza loġika tan-norma proċedurali (Art 562 Kap 12) illi l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega. Dan fuq l-istregwa tar-regola tradizzjonali "onus probandi incumbit ei qui dicit". Regola din li sservi kemm bħal bażi tad-dritt azzjonat mill-attur ("actore incumbit probatio") kemm bħala fondament tal-eċċezzjoni sollevata biex tikkuntrasta l-pretiża tal-avversarju ("reus in excipiendo fit actor")." (ara* ***Sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imħallef Philip Sciberras ta' l-10 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet Dr. Joseph Brincat -vs- Anton Attard bħala Editur tan-NET television****)*.

In mankanza ta' din il-prova l-Qorti ma tistax tippreżumi li n-notifika tal-ordni lir-Reġistratur tal-Kumpaniji bhala fatt saret wara li sar it-trasferiment tal-ishma inkwistjoni. Dan il-vacuum probatorju dwar din il-vertenza fattwali ma għandux ikun ta' preġudizzju għar-rikorrenti għaliex wara kollox il-fattur tal-ħin tan-notifiki kienu l-intimati li qanqluh.

Dan iwassal lil din il-Qorti biex tifhem, li kull trasferiment ta' ishma magħmula mill-intimati fit-22 ta' Frar 2020, huwa milqut mill-effetti tal-artikolu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Iġifieri l-att magħmul huwa null u *quod nullum est nullum producit effectum.* Nullita' li hija komminata espressament *ope legis* u ma tinħtieġ ebda dikjarazzjoni ġudizzjarja. Għalhekk l-att fih innifsu, qisu qatt ma sar (ara **Jacqueline Higgans et noe vs Joseph Galea P.A. – 13 ta' Ġunju 1997**). Li kieku n-nullita' komminata espressament minn artiklu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ma kienitx tfisser hekk, allura jirrendi fix-xejn it-talbiet ta' kull min jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni f'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiemha l-Qorti.

***Il-mertu ta' dawn il-proċeduri***

Qabel xejn ikun utli li jiġu senjalati l-elementi neċessarji għall-otteniment tal-ħruġ ta' mandat ta inibizzjoni.

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta

huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

"873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament filmertu, 'l hekk imsejjaħ periculum in mora;

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-**digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et , PA tat-13 ta' Mejju, 2014**:

"*Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.*"

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe (Rikors Numru 3135/94)** tispjega:

*"… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …*".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, inter alia, fil-proċeduri fl-ismijiet

**Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited.**

(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-**Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfré** sostniet is-segwenti:

"*... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.*"

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min

għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici tat-25 ta' Mejju 2005:**

"*Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li*

*jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*"

(5) "*Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Avukat Dr John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti, P.A., 18 ta' Lulju, 2008**).

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. (**Ara Marica Cassar et vs Del Sol Properties Limited, P.A., 27 ta' Diċembru, 2016**).

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet. Kif jgħallmu tajjeb is-Sentenzi ċitati, ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tapprofondixxi s-sustanza tal-pretensjonijiet u difiżi tal-partijiet. Din hija materja riservata għal

dik il-Qorti li għad trid tkun adita biex teżamina fil-profond kwistjonijiet ta' din ix-xorta. Il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti irnexxielhom jipprovaw li għandhom prima facie dritt x'jittitulaw. Mad-daqqa t'għajn jidher li r-rikorrenti, b'mod partikulari r-rikorrent Daniel Steffan Patrik Tingström, kellu involviment dirett fl-episodji kollha (ara per eżempju a' fol 21 , 22 , 25 u 66 ). Huwa minnu li mid-dokumenti esebiti jirriżulta li ġie diversi drabi ittamat li ser tinstab soluzzjoni biex is-sehem tieghu fil-kumpanija jigi formalizzat (ara a' fol 83 , 84 u 97). Fir-risposta tagħhom l-intimati f'ebda ħin ma jidher li għamlu referenza għal dik li suppost kienet rinunzja da parti tar-rikorrent meta kiteb lil Finco Trust Services Limited fit-3 ta' Lulju 2018 (a' fol 203). Dan ikompli jssaħħaħ il-plawsibilita' tal-fatti kif narrati mir-rikorrent Tingström (ara ukoll a' fol 301 ittra ta' Baker Mckenzie). Is-silenzju tagħhom dwar dan l-aspett isaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti inkwantu jirrigwarda l-element tal-prima facie.

Kwantu għal dak li jirrigwarda l-element tal-irrimedjabilta' tad-danni, l-intimati jagħmlu referenza għall-imsemmija ittra ta' Baker Mckenzie fejn fiha l-intimati ġew avviżati li jekk ma jkunux jistgħu jitrasferixxu l-ishma fuq isem ir-rikorrent allura jħallsuh danni. Dan waħdu ma jfissirx li b'daqshekk l-element ta' irrimedjabbilita' tad-danni ma ġiex sodisfatt. Fiċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ, mingħajr ma din il-Qorti għandha għalfejn tesprimi raġunijiet, xorta tħoss li anke dan l-element ġie sodisfatt. L-element tar-irrimedjabbilta' tad-danni ma jiġix awtomatikament newtralizzat bil-fatt li dawn jistgħu ikunu traduċibbli f'termini monetarji. Jekk id-dritt li jkun qiegħed jiġi pretiż ikun għad jista' jiġi mogħti fl-ispecie li jkun qiegħed jintalab, il-persuna ma għandhiex tiġi

imcaħħda minnu għas-sempliċi raġuni li jista’ minflok jintalab kumpens. Di piu’, skont din il-Qorti, iċ-ċirkostanzi li jiċċirkondaw il-każ, jekk jirrisulta li r-rikorrent għandu raġun fil-mertu, u ikun laħaq sar it-trasferiment tal-ishma, il-preġudizzju ma hux daqshekk faċilment kwantifikabbli. Fl-ittra tal-avukati tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħlas monitarju **fl-eventwalita’ li ma jdurux l-ishma fuqu**. Sakemm dan jista’ jkun għadu possibbli, hija din il-pretensjoni li għandha tkun kawtelata.

Fl-aħħar nett safejn jirrigwarda lil Dan Peter Ögren huwa minnu li formalment ma għandu xejn fuq ismu. Iżda huwa minnu ukoll li mid-dokumenti esebiti kien sa mill-bidu nett involut fl-attivita' tant, li skont ir-rikorrent, kien hu li avviċinah sabiex jassistih fl-iżvilupp tal-NAC. Kien dan, li flimkien ma Marcus Lillehöök, assiguraw lir-rikorrent Daniel Tingström li kienet ser tinstab soluzzjoni dwar kif kif kien ser isir it-trasferiment tal-ishma għal fuq ismu. Skont ir-rikorrent, Daniel Peter Ögren ma seta' jkollu ebda ishma fuq ismu minħabba l-problema tal-kondotta, bl-istess mod li kellu hu (ara affidavit a’ fol 231). Fatt li la ġie miċhud u lanqas kontradett. Jidher li ħuħ Jan Mikael Ögren huwa s-soċju formali fis-Soċjeta' Islandbranch Holdings Ltd. Il-Qorti ma hiex ser tidħol fuq ir-relazzjoni li tesisti bejn l-aħwa Ögren iżda anke f'dan ir-rigward, ir-rikorrent jidher li għandu prima facie dritt xi jħares fil-konfront tal-imsemmi Dan Peter Ögren, jekk mhux dirett bħal fil-konfront tal-intimati l-oħrajn, indirettament. L-anqas ma ġiet miċħuda jew kontradetta, li l-asserzjoni tar-rikorrent fil-konfront ta’ Dan Peter Ögren, kien hu li ċempillu fis-26 ta’ Lulju 2019 biex jinfurmah li ma kienux ser idawwru l-ishma fuqu u li l-ftehim ta’

konsulenza tiegħu kien ser ikun itterminat fl-istess ġurnata (ara affidavit a' fol 233 u fol 99). Minkejja dan l-imsemmi Dan Peter Ögren jwieġeb li ma għadx għandu konnessjoni mal-mertu.

Xi jfissru l-fatti kollha imsemmija, kwantu jirrigwarda s-sostantiv tal-mertu, hija ħaġa għal kollox differenti. Pero' huwa żgur, li ai fini ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti irnexxilhom jipprovaw l-elementi kollha meħtieġa għall-otteniment tal-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qegħdha tilqa' definittivament it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati kollha tordna għalhekk il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub sabiex

1. Tinibixxi u żżomm lis-soċjeta intimata Mandalorian Holdings Limited milli titrasferixxi, tbiegħ, tassenja jew li b'xi mod ieħor tiddisponi minn, b'mod dirett jew indirett u/jew b'xi mod ieħor tagħti b'rahan jew tgħabbi bi piżijiet a favur terzi persuni kwalunkwe ishma illi hija għandha fi ħdan Mandalorian Technologies Limited; u

2. Tinibixxi u żżomm lis-Soċjetajiet intimati Mandalorian Holdings Limited u Mandalorian Technologies Limited milli jitrasferixxu, jbiegħu, jassenjaw jew li b'xi mod ieħor jiddisponu minn, b'mod dirett jew indirett kwalunkwe mobbli u jew immobbli, assi tanġibbli u jew intanġibbli inkluż iżda mhux limitatament għal online casinos/websites noaccountcasino.com, noaccountcasino.se, noaccountbet.com, noaccountbet.se, prankcasino.com, prankcasino.se,

prankbet.com u kwalunkwe drittijiet oħra tagħhom fuq propjeta' intellettwali, *domain names*, *databases*, liċenzji etċ, iżda b'esklużjoni għall-użu ta' dawk il-fondi raġjonevoli talvolta meħtieġa għall-operazzjoni ta' kuljum tal-imsemmija soċjetajiet; u

3. Tinibixxi u żżomm lill-intimati Dan Peter Ögren, Jan Mikael Ögren, Marcus Wilhelm Lilliehöök, Philip Wilhelm Lilliehöök u Johan Fredrik Stille milli jitrasferixxu, jbiegħu, jassenjaw, jew li b'xi mod jiddisponu minn, b'mod dirett jew indirett, kwalunkwe interess dirett jew indirett li għandhom fis-soċjetajiet Mandalorian Holdings Limited u Mandalorian Technologies Limited u konsekwentement:

(i) Tinibixxi u żżomm lill-intimati Dan Peter Ögren, Jan Mikael Ögren, Marcus Wilhelm Lilliehöök, Philip Wilhelm Lilliehöök u Johan Fredrik Stille milli jitrasferixxu, jbiegħu, jassenjaw, jew b'xi mod jiddisponu minn, b'mod dirett jew indirett u jew b'xi mod jagħtu b'rahan jew jgħabbu bi piżijiet favur terzi persuni, l-ishma li għandhom fi ħdan Islandbranch Holdings Limited, Fire Dragon Invest Limited, Cloudberry Invest Limited u Bad Steam Invest Limited rispettivament;

u

(ii) Tinibixxi u iżżomm lill-intimati Islandbranch Holdings Limited, Fire Dragon Invest Limited, Cloudberry Invest Limited u Bad Steam

Invest Limited milli jitrasferixxu, jbiegħu, jassenjaw, jew b'xi mod jiddisponu minn, b'mod dirett jew indirett u jew b'xi mod ieħor jagħtu b'rahan jew jgħabbu bi piżijiet favur terzi persuni, kwalunkwe ishma li għadhom fi ħdan Mandalorian Holdings Limited;

Il-Qorti qegħdha ukoll tikkonferma d-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu ħarġet l-ordni provvisorja fil-konfront tal-intimati kollha.

Spejjes tal-presenti proċeduri a' karigu tal-intimati.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji u lil Malta Business Registry.

**Mogħti kameralment illum, 19 ta' Frar, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**